MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 42/19 LM

**Emanuel Xuereb (K.I. 318564M)**
***(l-appellant)***

***vs.***

**San Remo Restaurant Limited (C3973)**
***(l-appellat)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant", **Emanuel Xuereb** (K.I. 318564M), mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali (minn

issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi jiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn talab lit-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellata" **San Remo Restaurant Limited**, li ġiet fis-seħħ fil-5 ta' Mejju, 2014, kienet mingħajr ebda raġuni valida u ġusta skont il-liġi, u konsegwentement talab lit-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lilu. L-appellant qal li hu ma kellu l-ebda interess li jerġa' jiddaħħal fl-impjieg mas-soċjetà intimata, u kien għalhekk li talab li jiġi likwidat il-kumpens għal din it-tkeċċija li huwa jgħid li ma kinitx waħda ġusta.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal wara li tkeċċa mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata, liema tkeċċija mill-impjieg seħħet għal 'raġunijiet dixxiplinarji'. Ir-rikorrent qal li huwa dejjem qeda dmiru fedelment, u dejjem ħadem bis-sħiħ u ħabrek sabiex mill-ħidma tiegħu jibbenefika min kien iħaddmu. Huwa qal li qatt ma ngħata xi forma ta' twissija min-naħa tas-soċjetà intimata, u peress li huwa tkeċċa mill-impjieg, ma setax la jirreġistra għax-xogħol u lanqas jingħata l-benefiċċju tal-qgħad. L-appellant kien impjegat

mas-soċjetà intimata biex jagħmel xogħol fil-faċilitajiet li din għandha fil-bajja tal-Mellieħa, u fix-xhur tas-sajf kien inkarigat mill-kiri ta' *sunbeds* u l-ġbir tal-flus mingħand il-persuni li jikru s-*sunbeds*. Permezz tal-proċeduri istitwiti minnu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u talab ukoll li jingħata kumpens għat-tkeċċija inġusta tiegħu.

4. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata wieġbet li mhux minnu li r-rikorrent dejjem qeda dmiru korrettement, għaliex tul is-snin dan ġie mwissi diversi drabi peress li l-imġiba tiegħu kienet waħda skorretta. Is-soċjetà appellata eċċepiet li r-rikorrent kellu attitudni ħażina fuq il-post tax-xogħol u kien joħloq tfixkil għal ħaddiema li kienu jaħdmu fil-bajja, b'lingwaġġ baxx u tfixkil ieħor, bħall-insistenza li jiddaħħal jaħdem ammont ta' sigħat kull ġimgħa li kien jeċċedi l-erbgħin siegħa, bir-riżultat li diversi ħaddiema bdew jitilqu mill-impjieg tagħhom minn mas-soċjetà intimata peress li ma setgħux jaħdmu mar-rikorrent. Barra minn hekk is-soċjetà intimata eċċepiet li kien hemm suspetti li r-rikorrent kien qiegħed jimmisapproprja flus tal-kumpannija, kien jitkellem b'ton ta' arroganza u theddid u kien anki jisfida lid-diretturi tal-kumpannija, anki billi jirrifjuta li jilbes l-uniformi mogħtija lilu. Ġie eċċepit ukoll li bosta mill-impjegati tas-soċjetà intimata kienu jmorru x-xogħol imdejqin minħabba fl-attitudni tar-rikorrent.

5. It-Tribunal sema' x-xhieda tad-diretturi tas-soċjetà intimata, fosthom lil Nicola Jayne Cini, li xehdet li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet minħabba

serq, aggressjoni fuq terzi, inklużi diretturi tal-kumpannija stess, kif ukoll minħabba insubordinazzjoni għal direttivi li kien jingħata. Esponenti tas-soċjetà intimata bdew jissuspettaw li r-rikorrent kien qiegħed jimmisapproprja flus li kien jiġbor mingħand il-klijenti għall-kiri tas-*sunbeds* u umbrellel*,* wara li dan kien jinżel fil-garaxx li għandha s-soċjetà intimata, u joqgħod jgħodd il-flus li jkun ġabar hemmhekk, minflok ma jgħaddi l-*pouch* bil-flus miġbura lill-kaxxiera. Jirriżulta mix-xhieda prodotti mis-soċjetà intimata, li l-appellant dejjem kien jiġbor mingħand il-klijenti l-ammont ta' flus eżatt daqskemm kien jikri *sunbeds* u umbrellel*,* avolja ħafna klijenti kienu jagħtu t-*tips.* Intqal li konsegwenza ta' dan, id-diretturi tas-soċjetà intimata ma setgħux jagħmlu kalkolu dwar kemm l-appellant kien qiegħed idaħħal flus waqt il-ġurnata tax-xogħol tiegħu. Mix-xhieda jirriżulta li r-rikorrent kien involut f'diversi episodji ta' aggressjoni fiżika, inkluż ma' impjegati pubbliċi li kienu jagħmlu xogħol ta' tindif tal-bajja, u kien hemm diversi ilmenti dwaru minn turisti u klijenti oħra. It-Tribunal sema' diversi esponenti tas-soċjetà intimata jixhdu kif wara li ġie tterminat l-impjieg tal-appellant, kien hemm diversi klijenti tagħhom li baqgħu jinsistu li jinqdew direttament mir-rikorrent biex jibbenefikaw mill-prezzijiet ridotti li dan kien joffrilhom, meta s-soċjetà intimata qatt ma awtorizzat lill-appellant jagħti prezzijiet ridotti. Ir-rikorrent kien ukoll joħloq problemi oħra rigward il-*beach concession* li kellha s-soċjetà intimata, fejn kellhom jinżammu ċertu distanzi fuq il-bajja u s-*sunbeds* u l-umbrellel setgħu jintramaw biss b'ċertu mod, imma r-rikorrent kien jirrifjuta li josserva dawn id-distanzi. Din l-attitudni tar-rikorrent wasslet ukoll biex diversi impjegati tas-soċjetà intimata

telqu mill-impjieg minħabba fih. It-Tribunal sema' ukoll ix-xhieda ta' Maria Victoria Saliba, li qalet li apparti li l-appellant kien jirrifjuta li josserva l-kundizzjonijiet tal-*beach concession,* kien jirrifjuta wkoll li josserva direttivi oħra li kienu jingħatawlu, bħal pereżempju li jilbes l-uniformi mogħtija lilu, u minflok kien jinsisti li jilbes flokk ta' taħt tas-suf jew uniformi qadima. Żewġ impjegati pubbliċi, David Diacono u John Tabone, xehdu li l-appellant kien jindaħlilhom ħafna fix-xogħol tagħhom u minħabba f'hekk kien ikollhom ħafna kwistjonijiet miegħu. Xhud oħra, Margaret Rose Frendo, ikkonfermat li l-impjieg tal-appellant ġie tterminat minħabba fl-attitudni skorretta tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Din ix-xhud spjegat kif minħabba f'inċident li kien involut fih l-appellant xi snin qabel, dan kien saħansitra tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, akkużat li kiser il-paċi pubblika u li kkawża feriti fuq impjegat ieħor. Mario Cini, direttur tas-soċjetà intimata, xehed li kien ilu jaf lill-appellant għal diversi snin, u tul is-snin dan kellu għadd ta' inċidenti ma' impjegati oħra. Din l-imġiba skorretta tar-rikorrent ġiet ikkonfermata minn diversi xhieda oħra, fosthom dik ta' Marvic Saliba, li ikkonfermat li l-appellant kien jirrifjuta li jilbes l-uniformi li jingħata mis-soċjetà intimata, u kien jippreferi joqgħod bi flokk imqatta' jew imċarrat minn taħt bħala protezzjoni mix-xemx. Din ix-xhud xehdet li r-rikorrent kien jgħajjat u juża kliem baxx u dagħa quddiem in-nies. Direttriċi oħra tas-soċjetà intimata, Nicola Jane Cini, fix-xhieda tagħha kkonfermat li r-rikorrent kien jirrifjuta li jilbes l-uniformi, u kien jinżel jgħodd il-flus fil-garaxx minflok jgħaddi l-*pouch* bil-flus li jkun ġabar lill-kaxxiera. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li minkejja li tul is-snin ħarġet diversi twissijiet bil-

miktub lir-rikorrent, dan dejjem kien jirrifjuta li jiffirmahom, anzi kien jhedded li sejjer għand l-avukat tiegħu.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal Industrijali ddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Li dan huwa każ ta' allegat tkeċċija inġusta mir-rikorrent; filwaqt li s-soċjetà intimata tikkontendi li hija kellha raġun tagħmel dan kemm minħabba li r-rikorrent naqas li jobdi l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu b'mod partikolari ta' uniformi, u tal-pouch, li kien vjolenti fid-diskors tiegħu u l-argumenti li kien ikollu mal-istaff kif ukoll mal-klijenti tal-istess soċjetà. Dwar dan ir-rikorrent jikkontendi li kieku ma kellhomx fiduċja fih ma kinux jgħabbuh b'aktar responsabbilità tal-pouch, l-argumenti li kien ikollu mal-beach cleaners tal-Gvern kienu għax ma kinux jagħmlu xogħolhom sew, li huwa l-flus qatt ma kien jgħoddhom fil-garage u li għalhekk kien hemm żball fit-transcript, filwaqt li għar-rigward tal-allegazzjoni li huwa uża vjolenza rapport lill-Pulizija qatt ma sar.*

*Dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda u provi kollha prodotti u anke t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ma jistax ma jinnotax l-affidavit ulterjuri ta' Margaret Rose Frendo, direttur tas-soċjetà intimata fejn tfaħħar lir-rikorrent għax-xogħol tiegħu filwaqt li fl-ewwel affidavit tagħha hija pproduċiet dokument li juri li Xuereb kien ġie akkużat li kiser il-paċi pubblika u għamel feriti fuq impjegat tal-kumpannija Eddie Vella.*

*Illi d-dispożizzjoni tal-artikolu 36(14) tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħmilha ċara li Prinċipal jista' jilliċenzja impjegat tiegħu għal 'raġuni tajba u biżżejjed' u dan bla ħtieġa ta' preavviż u mingħajr obbligu ta' ħlas. Minn dan toħroġ ir-regola ġenerali li tkeċċija mill-impjieg ma tistax isseħħ ħlief għal raġuni valida.*

*Naturalment ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-oħra li una volta aċċertata l-illeġittimità tat-tkeċċija lill-impjegat għandu jingħata riżarċiment f'forma ta' kumpens.*

*Indubbjament 'ir-raġuni tajba u biżżejjed' li ssemmi d-dispożizzjoni tal-liġi hi kwalifikazzjoni ġuridika tal-kondotta tal-impjegat idoneja biex tilleġittima ċ-ċessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Opportunement irid jiġi reġistrat li l-kunċett ta' kawża ġusta u valida għat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravviżat f'dawk il-fatti u imġibiet tali li jinduċu għat-telf ta' fiduċja anke għaliex dan hu komunement intiż bħala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment għall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-pożizzjoni tal-impjegat fl-azjenda, l-intensità tal-allegata kondotta kolpuża u ta' kwalsiasi aspett ieħor korrelatat mar-rapport. Wisq loġikament ukoll fejn il-fattijiet additati minn min iħaddem għal fini ta' kawża ġusta ta' liċenzjament huma multiplikati mistenni li l-fatt singolari u primarju li fuqu tkun bażata t-tkeċċija jiġi eżaminat ma' fattijiet oħra li jitressqu 'l quddiem għal skop ta' valutazzjoni globali tal-kondotta u l-aktar dak tal-apprezzament aħjar tal-gravità tal-fatt singolari. Dan dejjem s'intendi anke jekk ikkonsidrat iżolatament l-istess fatt singolari għandu fih ċerta rilevanza dixxiplinarja.*

*Premessa din l-espożizzjoni ġuridika jirriżulta mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal li r-rikorrent baqa' jagħmel ta' rasu anke f'dawn il-proċeduri ċioé li jgħodd il-pouch qabel ma jgħaddi l-pouch lil min kellu jgħaddih; li ma jilbes l-uniformi skont dak ordnat minnu; li jkollu argumenti mal-klijenti tal-kumpannija. Dwar fejn kien jgħodd il-pouch dan it-Tribunal ma jistax jemmen lanqas lir-rikorrent meta jwaħħal fi traskrizzjoni mhix korretta meta kien anke jmur jgħodd il-pouch fil-karozza tiegħu wkoll meta fl-istess xhieda u biex ibenġilha jixhed li dan kien isir bil-kunsens tal-employer tiegħu u meta jirriżulta li huwa qatt ma ngħata permess imur jgħodd iil-pouch la fil-vettura u lanqas fil-garage qabel ma jgħaddi l-pouch lil min fil-kumpannija kellu jgħaddih. Veru li mal-impjegati tal-Gvern huwa seta' kellu raġun jilmenta magħhom iżda xogħolu kien li jressaq l-ilment li kellu lill-kumpannija li kien jaħdem magħha. Ir-rikorrent mill-provi prodotti jirriżulta li kien ingħata ħafna kunfidenza mill-kumpannija fuq il-lant tax-xogħol u meta l-kumpannija ddeċidiet li ddaħħal aktar dixxiplina u aktar skrutinju fuq il-lant tax-xogħol ir-rikorrent ma kienx lest li joqgħod għal dan għax dara bis-sistema l-antika li kollox f'idejh u kollox jieħu ħsieb hu. Ġara għalhekk li l-kumpannija tilfet il-fiduċja fir-rikorrent.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal jagħti raġun lill-kumpannija meta hija ma kinitx sodisfatta bl-operat tar-rikorrent tenut kont li huwa baqa' jagħmel ta' rasu, u għalhekk qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrent.*

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qiegħed jistabbilixxi d-drittijiet tar-rappreżentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17 għal kull rappreżentant legali.*

*Għalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

7. Ir-rikorrent ippreżenta l-appell tiegħu fil-15 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-3 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet '**Emanuel Xuereb vs San Remo Restaurant Limited**' (Każ Nru. 3242/14/AM) u tiddikjara u tiddeċiedi li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienet waħda inġusta u mhux skont il-liġi u konsegwentement tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex jagħti rimedju skont il-liġi."*

8. Ir-rikorrent appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex filwaqt li l-provi u t-trattazzjoni quddiem it-Tribunal saru quddiem *Chairperson* partikolari, id-deċiżjoni finali ngħatat minn *Chairperson* differenti li ma kellhiex l-opportunità tisma' u tara l-komportament tax-xhieda. L-appellant sostna li t-Tribunal naqas li jikkonsidra l-prinċipju bażilari li impjegat m'għandux jitkeċċa mingħajr ma jingħata l-opportunità li jiskopa lilu nnifsu. L-appellant qal li f'ċirkostanzi fejn it-tkeċċija ta' impjegat mill-impjieg tista' titqabbel mal-piena kapitali li jista' jingħata ħaddiem, f'dan il-każ it-

Tribunal ma kellux isib li kien hemm biżżejjed raġunijiet li jimmeritaw it-tkeċċija tiegħu. L-appellant sostna li t-Tribunal ma kellux biżżejjed provi sabiex iwasslu jiddeċiedi li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda ġustifikata, u kien hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-allegat aġir tiegħu u s-sanzjoni tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. L-appellant qal li anki f'każ li jirriżulta li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tiegħu, dawn ma kellhomx iwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. L-appellant qal li huwa kien juża kappell tat-tiben u jilbes flokk minn taħt it-*t-shirt* tal-uniformi sabiex jipproteġi ruħu mill-qilla tax-xemx, u minkejja li dan il-fatt intuża bħala waħda mir-raġunijiet li timmerita t-tkeċċija tiegħu, kien hemm impjegati oħra li kienu saħansitra jippreferu joqogħdu żaqqhom barra fuq il-post tax-xogħol. L-appellant irrefera wkoll għall-kwistjoni tal-ġbir tal-flus fil-*pouch* u l-fatt li huwa kien jinżel fil-garaxx tas-soċjetà intimata jgħodd il-flus, u qal li ma kien hemm l-ebda insubordinazzjoni fil-fatt li huwa kien jinżel jirranġa l-flus li jkun ġabar hemmhekk u jgħoddhom. L-appellant qal ukoll li l-fatt li huwa dejjem kien jiġbor l-ammont eżatt ta' flus ekwivalenti għall-ammont ta' biljetti li jkun biegħ għas-*sunbeds* u umbrellel li kien jikri, ma kellux jintuża kontrih, partikolarment meta xhieda oħra, inkluż id-direttur tas-soċjetà intimata stess, ilkoll xehdu li l-ebda ħaddiem ieħor tagħhom ma kien jirnexxilu jiġbor l-ammont ta' flus preċiż għas-*sunbeds* u umbrellel li jkun kera. L-appellant qal li mill-provi rriżulta li wara li kienet ittieħdet deċiżjoni li għal xi żmien partikolari l-*pouch* jinżamm minn impjegat ieħor tas-soċjetà intimata, ċertu Luke Cini, wara xi żmien dan Cini ma riedx jibqa' aktar responsabbli tal-*pouch,* u għalhekk dan ix-xogħol kien reġa' ngħata

lir-rikorrent. L-appellant qal ukoll li minkejja li x-xhud Margaret Rose Frendo għamlet riferiment għal inċident li seħħ qabel l-1995, li minħabba fih huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dak l-inċident kien seħħ qabel ma huwa kien impjegat tas-soċjetà intimata, għax il-faċilitajiet inkwistjoni dak iż-żmien kienu f'idejn terzi, u għajr għal dik il-prova partikolari, ma nġabet l-ebda prova oħra li kien hemm xi nuqqasijiet fl-imġiba tiegħu li kienu jiġġustifikaw it-tkeċċija tiegħu. L-appellant sostna wkoll li minkejja li Mario Cini u Nicola Cini xehdu quddiem it-Tribunal li tul is-snin huwa kien involut f'madwar tmenin inċident, b'uħud minn dawn l-inċidenti li kienu gravi, ma nġab l-ebda rapport bil-miktub li jipprova dan. L-appellant qal ukoll li huwa qatt ma ngħata twissija bil-miktub minħabba fil-komportament tiegħu, u dan in-nuqqas kellu jwassal biex it-Tribunal jiddeċiedi li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, peress li huwa qatt ma ngħata l-opportunità li jiddefendi ruħu fi proċeduri ta' dixxiplina trasparenti. Barra minn hekk, sostna l-appellant, irid ikun hemm proporzjonalità bejn l-inċident u t-tkeċċija ta' persuna mill-impjieg, u f'dawk il-każijiet fejn jiġi deċiż li persuna għandha titkeċċa mill-impjieg, dik il-persuna għandha tingħata ċ-ċans li tiddefendi ruħha. L-appellant temm ir-rikors tal-appell tiegħu billi qal li l-piena tat-tkeċċija ma kinitx waħda proporzjonata mal-imġiba jew man-nuqqasijiet tiegħu fl-impjieg.

**Ir-risposta tal-appell**

9. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà intimata qalet li l-aggravji mressqa mir-rikorrent huma kollha fuq il-mertu u mhux fuq punt ta' liġi. Is-soċjetà appellata eċċepiet li skont l-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, persuna għandha dritt ta' appell biss fuq punt ta' liġi u għalhekk dan l-appell għandu jiġi ddikjarat null u bla effett, peress li l-aggravji tal-appellant huma bbażati kollha fuq il-mertu. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid illi, mingħajr preġudizzju għal dan, minkejja li l-provi quddiem it-Tribunal instemgħu minn *Chairperson* partikolari tat-Tribunal, u d-deċiżjoni finali ngħatat minn *Chairperson* oħra, għandu jirriżulta ċar mill-atti li ċ-*Chairperson* li tat id-deċiżjoni, fliet bir-reqqa l-provi kollha, u mid-deċiżjoni mogħtija minnha huwa evidenti li din kellha stampa ċara tas-sitwazzjoni li wasslet għall-każ quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata qalet fl-aħħar nett li kuntrarjament għal dak li ntqal mir-rikorrent, u kif jirriżulta mill-provi, ir-rikorrent kien ingħata diversi twissijiet, minħabba l-attitudni negattiva li kien juri waqt ix-xogħol lejn l-impjegati, lejn id-diretturi tal-kumpannija, kif ukoll lejn il-klijenti. Intqal li l-aħħar episodju li wassal għat-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg seħħ meta r-rikorrent kien aggressiv fil-konfront ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpannija, tenut kont ukoll li qabel ir-rikorrent kien ingħata diversi twissijiet verbali minħabba fil-kondotta tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, issostni s-soċjetà intimata, għandu jiġi konkluż li kien hemm raġunijiet tajbin u suffiċjenti għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant, u għalhekk is-sentenza mogħtija mit-Tribunal għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mir-rikorrent, flimkien mar-risposta mogħtija mill-appellati, u dan wara s-sentenza mogħtija mit-Tribunal.

L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li ma tħarsux il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fir-rigward tiegħu, għax filwaqt li l-provi nstemgħu quddiem Tribunal presedut minn *Chairperson* partikolari, id-deċiżjoni finali ngħatat meta l-istess Tribunal kien presedut minn *Chairperson* differenti, u għalhekk id-deċiżjoni finali fil-konfront tiegħu ngħatat minn persuna li ma kellhiex l-opportunità tisma' l-provi u tara l-komportament tax-xhieda tul is-snin li kienu ilhom għaddejjin il-proċeduri quddiem it-Tribunal. Il-Qorti kkonsidrat dan l-aggravju ewlieni fid-dawl tal-punt issollevat mis-soċjetà appellata, li l-appell għandu jiġi ddikjarat null peress li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi u mhux fuq il-mertu jew il-fatti.

Mill-atti jirriżulta li huwa minnu li l-provi quddiem it-Tribunal instemgħu minn ġudikant wieħed, u d-deċiżjoni li ddeċidiet il-mertu ngħatat minn ġudikant ieħor. L-appellant isostni li dan jammonta għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-konfront tiegħu, għaliex il-ġudikant li tat id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu, ma kellhiex l-opportunità tosserva l-komportament tax-xhieda u jekk dawn kinux kredibbli f'dak li qalu. Il-Qorti tirrileva li appell imsejjes fuq l-aggravju tan-nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, huwa appell

ibbażat fuq l-aktar punt ta' liġi fundamentali li wieħed jista' jersaq bih quddiem il-Qrati tagħna, u għalhekk m'hemm l-ebda lok għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-appell f'dan ir-rigward. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant, il-Qorti tirrileva li spiss jiġri fis-sistema ġudizzjarja tagħna, li proċeduri jibdew jinstemgħu minn ġudikant wieħed, u f'xi punt waqt is-smigħ tal-kawża, l-istess proċeduri jitkomplew quddiem ġudikant ieħor. Dan jista' jiġri f'diversi stadji tal-kawża, mhux l-anqas fl-istadju fejn il-provi jkunu nstemgħu kollha u jkun fadal biss li tingħata d-deċiżjoni dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet li jkunu tressqu quddiem il-qorti jew it-tribunal li jkun. Minn dak li jirriżulta mill-atti u mill-mod kif inhi fformulata d-deċiżjoni tat-Tribunal, jidher ċar li l-ġudikanta li ppronunzjat ruħha dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet, kienet eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu quddiem it-Tribunal u fehmet tajjeb x'kienu l-kwistjonijiet li wasslu għall-proċeduri quddiem it-Tribunal. Anki din il-Qorti eżaminat b'mod akkurat l-atti tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemu, kif ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet, u ma jirriżultalhiex li bidla fiċ-*Chairperson* tat-Tribunal b'xi mod wasslet biex ma saritx ġustizzja mal-partijiet, jew li ngħata piż mhux xieraq lil dak li ntqal minn xi waħda mill-partijiet aktar milli lil dak li ntqal mill-parti l-oħra. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma tnejn – *audi alteram partem* u *nemo judex in causa propria.* Lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-bidla fil-ġudikant wasslet biex xi waħda mill-partijiet, u partikolarment l-appellant li qiegħed iqajjem dan l-aggravju, ma ngħatax smigħ xieraq. Il-fatt li s-soċjetà

appellata ressqet bosta xhieda sabiex jikkonfermaw l-istess fatti, ma jfissirx li r-rikorrent appellant b'xi mod ġie mċaħħad milli jressaq 'il quddiem il-każ tiegħu, jew li huwa ma ngħatax il-fakultà li jgħid dak li kellu xi jgħid u jġib il-provi in sostenn tal-każ tiegħu. Mid-dettalji mogħtija fid-deċiżjoni tat-Tribunal jirriżulta wkoll li t-Tribunal għamel evalwazzjoni tajba tal-provi kollha mressqa quddiemu sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, u għalhekk ma jistax jintqal la li kien hemm xi parti fil-proċeduri li ma ngħatatx smigħ xieraq, u lanqas li b'xi mod inkiser xi prinċipju ieħor tal-ġustizzja naturali.

L-appellant jgħid ukoll li huwa ma ngħatax smigħ xieraq għaliex huwa qatt ma kien ingħata twissija formali dwar in-nuqqasijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk l-esponenti tas-soċjetà intimata ma tawhx l-opportunità li jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu qabel ma tkeċċa. Il-Qorti kkonsidrat li mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, jirriżulta bl-aktar mod ċar li tul is-snin, ir-rikorrent kien involut f'diversi episodji ta' imġiba mhux xierqa fuq il-post tax-xogħol. Il-fatt waħdu li fis-sena 1995 tressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużat li kiser il-paċi pubblika u li kien vjolenti fil-konfront ta' terzi fuq il-post tax-xogħol, ukoll huwa prova mill-aktar ċara li l-komportament tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol tiegħu ma kienx wieħed mill-aktar eżemplari. Ma jagħmel l-ebda differenza li dan l-inċident seħħ meta dawn l-istess faċilitajiet fil-bajja tal-Għadira kienu jitmexxew minn kumpannija oħra u mhux mis-soċjetà intimata, għaliex dan l-episodju huwa sintomatiku wkoll tad-diversi episodji oħra li ssemmew mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom fil-

proċeduri quddiem it-Tribunal, dwar l-imġiba skorretta tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol.

Il-Qorti tqis ukoll li apparti d-diversi istanzi ta' insubordinazzjoni li setgħu irriflettew negattivament fuq l-*image* li s-soċjetà intimata mal-klijenti tagħha, partikolarment fejn tidħol l-uniformi, jirriżulta wkoll li kien hemm insubordinazzjoni anki fir-rigward tar-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi dwar distanzi li kellhom jinżammu, li setgħet timpinġi fuq il-permessi li jirregolaw lis-soċjetà intimata fl-operazzjoni tal-faċilitajiet tagħha fil-bajja tal-Għadira. Jirriżulta li fost id-diverbji u l-episodji ta' ġlied li kellu r-rikorrent, kien hemm problemi ma' impjegati pubbliċi li kienu jnaddfu l-bajja u nuqqas ta' ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-*beach concession* mogħtija mid-Dipartiment tal-Artijiet, liema nuqqasijiet setgħu jwasslu biex is-soċjetà intimata jkollha tħallas penali minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Il-fatt li r-rikorrent baqa' jinsisti li jkun hu li jgħodd il-flus mid-dħul tal-kiri tas-*sunbeds* u umbrellel u kien jinżel fil-garaxx u joqgħod waħdu jgħodd il-flus, ukoll hu sintomatiku ta' imġiba ta' xi ħadd li kien qiegħed jisfida ordni leġittima tas-superjuri tiegħu. L-appellant isostni li ma kien hemm xejn ħażin f'din l-imġiba, u li huwa dejjem ta lill-kaxxiera il-flus eżatti skont l-ammont ta' biljetti li jkun inbiegħ minnu. Il-Qorti però tqis li din il-linja ta' argumentazzjoni hija waħda fallaċi, għaliex ir-rikorrent qiegħed fl-istess ħin jikkonferma li minkejja l-istruzzjonijiet li ngħata kemm-il darba biex ma jibqax jgħodd il-flus hu, huwa xorta waħda baqa' jagħmel dan. Barra minn hekk ir-rikorrent b'din l-imġiba

tiegħu seta’ kkomprometta s-sigurtà tiegħu u tas-soċjetà intimata għaliex minħabba din l-insistenza tiegħu kien imur waħdu jgħodd ammonti konsiderevoli ta’ flus f’post imwarrab. Ir-rikorrent baqa’ jagħmel dan minkejja li kienu diversi l-persuni li attiraw l-attenzjoni tiegħu biex ma jibqax jagħmel dan. Jirriżulta wkoll li minkejja li d-diretturi tas-soċjetà intimata ppruvaw jattiraw l-attenzjoni tar-rikorrent dwar diversi nuqqasijiet fix-xogħol tiegħu, partikolarment meta dawn kienu jikkonċernaw klijenti tas-soċjetà intimata jew impjegati oħra tagħha, dan kien ikun aggressiv fl-imġiba tiegħu. Diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal ilkoll xehdu li r-rikorrent kien ingħata diversi twissijiet verbali u kienet inġibdet l-attenzjoni tiegħu diversi drabi għall-fatt li huwa kien qiegħed jonqos milli jimxi mad-direttivi mogħtija lilu mill-esponenti tas-soċjetà intimata. Imma r-rikorrent mhux talli kien jgħid tiegħu u jipprova jiġġustifika ruħu, talli kien jhedded li sejjer għand l-avukati tiegħu u kien ikun aggressiv kemm fi kliemu kif ukoll fl-imġiba. L-aħħar episodju ta’ imġiba aggressiva fil-konfront tad-diriġenti tas-soċjetà intimata, kien dak li wassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, proprju ftit tal-ġimgħat biss qabel il-bidu tal-perijodu tas-sajf. Mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, jirriżulta li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet, u kien hemm anki drabi fejn id-direttur tas-soċjetà intimata, Mario Cini, kien ikellmu ta’ ħabib. Minkejja dan u għad li r-rikorrent dejjem ipprova jiġġustifika għemilu, l-imġiba tar-rikorrent baqgħet sejra għall-agħar sakemm ittieħdet id-deċiżjoni li dan jiġi mkeċċi mill-impjieg. Għar-raġunijiet suesposti l-Qorti tqis li l-aggravji tar-rikorrent m’għandhomx jiġu milqugħa għaliex bl-ebda mod ma jirriżulta li r-rikorrent ma

ngħatax smigħ xieraq jew ma ngħatax l-opportunità jiddefendi ruħu mill-allegazzjonijiet tas-soċjetà intimata. Għall-kuntrarju jirriżulta li l-unika raġuni għalfejn ir-rikorrent ma ngħatax twissijiet bil-miktub qabel, kienet ir-reazzjoni aggressiva u t-theddid tiegħu ta' kull darba li xi ħadd kien jiġbidlu l-attenzjoni dwar il-fatt li l-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol kellha tinbidel.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex ser tilqa' l-ebda wieħed mill-aggravji mressqa mir-rikorrent.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mit-Tribunal. Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**